# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 25 ta' April 2001**

**Avviz. numru 1505/00**

**Numru 33**

**E. Calleja & Sons Limited**

**vs**

**Enginuity Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' seba mija u ghoxrin lira Maltin u disghin centezmu (Lm720.90) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut ghal forrnituri ta' merkanzija maghmula lis-socjeta attrici fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta stess, kif jirrizulta mill-*statement* (Dok A), liema somma s-socjeta konvenuta giet inutilment interpellata sabiex thallas.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tad-dovut pagament sad-data tal-pagament effettiv, ai termini ta' l-artikolu 1141(1) tal-Kodici Civili, u bir-rizerva ta' kull dritt fil-Ligi.

Is-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat li ma hemm ebda "statement" markat <u>Dok A</u> anness mal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx fit-2 ta' April 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm720.90,0 bl-imghaxijiet legali mis-27 ta’ Ottubru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Dep.Reg